

Brussell, 11 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7022/22

AGRI 81
AGRIFIN 22
AGRIORG 23
AGRISTR 11
AGRILEG 26
CADREFIN 27

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura / Kunsill

Suġġett: Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK Proposti
- *Ħarsa ġenerali lejn kwistjonijiet magħżula*

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-KSA tal-14 ta' Marzu 2022 u l-laqgħa tal-Kunsill "Agricoltura u Sajd" tal-21 ta' Marzu 2022, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota tal-Kummissjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK Proposti

Ħarsa ġenerali lejn kwistjonijiet magħżula

Il-ħarsa ġenerali tiddependi biss fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fil-Pjanijiet tagħhom li ppreżentaw. Din tiddeskrivi fil-qosor informazzjoni dwar elementi proposti magħżula tal-Pjanijiet ippreżentati sal-lum (kollha minbarra l-Belġju). L-informazzjoni ppreżentata tinsab fil-proċess li tiġi vvalutata, kompluta u vverifikata, u jenħtieġ li ma titqiesx bħala approvata mill-Kummissjoni. Mhijiex dejjem eżawrjenti minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni f'xi proposti tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Id-data finanzjarja f'dan id-dokument toħroġ mit-tabella ta' ħarsa ġenerali kif ikkodifikata mill-Istati Membri. F'xi każijiet jeżistu inkonsistenzi bejn it-tabella ta' ħarsa ġenerali u d-data pprovduta fil-parti tal-“interventi”. Xi data hija nieqsa.

(I) PAK ekonomikament sostenibbli u aktar ġusta

Bidwi attiv u kondizzjonijiet oħra biex tirċievi appoġġ għall-introjt

- Għall-istabbiliment tad-**definizzjoni ta' bidwi attiv**, il-kriterju ewlieni użat mill-Istati Membri huwa l-inklużjoni fir-reġistri uffiċjali (sigurtà soċjali, reġistru tal-azjendi agrikoli, VAT);
- **Tmien** Stati Membri għażlu lista negattiva u **14-il** Stat Membru stabbilew livell limitu ta' esklużjoni għall-bdiewa attivi li ma rċevewx pagamenti diretti li jaqbżu ċertu ammont għas-sena preċedenti, l-aktar ta' EUR 5 000;
- Xi Stati Membri jipproponu li d-dispożizzjoni dwar il-bdiewa attivi tkun ibbażata fuq erja minima jew fuq ċerti rekwiżiti relatati mal-bhejjem;
- Id-deċiżjonijiet dwar ir-**rekwiżiti minimi għar-riċeviment tal-pagamenti diretti** jvarjaw għalkemm il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri stabbilew livell limitu kemm ta' erja kif ukoll wieħed finanzjarju;

- Il-livelli limitu bbażati fuq l-erja huma stabbiliti bejn 0.3 u 4 ettari filwaqt li l-livelli limitu finanzjarji jvarjaw bejn EUR 100 u EUR 500.

Enfasi fuq ir-ridistribuzzjoni u l-Appoġġ Ridistributtiv Komplementari għall-Introjtu għas-Sostenibbiltà (CRISS)

- Aktar minn **10 % tal-pagamenti diretti totali** huma ppjanati globalment fil-pjanijiet ippreżentati għas-CRISS u l-intervent ser jiġi implimentat **f'mill-inqas 21 Stat Membru**;
- **11-il Stat Membru** jistabbilixxu l-mira tal-indikatur dwar ir-**ridistribuzzjoni lil bdiewa b'azjendi agrikoli iżgħar** għal aktar minn 100 b'xejra li qed tiżdied;
- **19-il Stat Membru** jipprevedu l-10 % meħtieġa jew aktar tal-pakkett ta' pagamenti diretti għas-CRISS, li minnhom **seba'** Stati Membri jippjanaw aktar minn 10 % (l-ogħla sehem huwa ta' 23 %);
- **Seba'** Stati Membri jitolbu deroga mir-rekwiżit ta' delimitazzjoni ta' 10 % li minnhom **tliet** Stati Membri ma għandhomx l-intenzjoni li b'xi mod japplikaw is-CRISS;
- **14-il Stat Membru** jippjanaw li jimplementaw is-CRISS abbażi ta' firxa waħda għal kull ammont unitarju filwaqt li **seba'** Stati Membri jipprevedu żewġ firxiet jew aktar ta' ettari b'żewġ ammonti unitarji differenti u **żewġ** Stati Membri jipprevedu ammonti unitarji differenzjati skont il-gruppi ta' territorji;
- L-għadd ta' ettari li ser jiġu appoġġati bil-firxiet tas-CRISS ivarja minn 8.2 ettari sa 150 ettaru.

L-iffissar ta' limiti massimi u digressività

- 10 Stati Membri jipprevedu limitu massimu u/jew digressività:
 - **Żewġ** Stati Membri japplikaw kemm il-limitu massimu kif ukoll id-digressività;

- **Ħames** Stati Membri jipprevedu biss limitu massimu;
- **Tliet** Stati Membri jipprevedu biss id-digressività;
- **Sitt** Stati Membri ser jużaw il-possibbiltà li **jnaqqsu l-kostijiet lavorattivi** qabel ma japplikaw limiti massimi u/jew digressività.

Konverġenza Interna

- **Disa'** Stati Membri li bħalissa qed japplikaw drittijiet għall-pagament iddeċidew li jneħħuhom, kollha ħlief wieħed diġà ser jagħmlu dan fl-2023;
- Għall-Istati Membri li qed ikomplu japplikaw drittijiet għall-pagament:
 - Stat Membru **wieħed** ser jilħaq konverġenza sħiħa fil-livell nazzjonali sa tmiem il-perijodu filwaqt li Stat Membru wieħed ser jilħaq konverġenza sħiħa fil-livell tal-gruppi ta' territorji;
 - **Ħames** Stati Membri ser jilħqu l-livell minimu meħtieġ ta' konverġenza interna ta' 85 % sal-2026 fil-livell nazzjonali (erba' Stati Membri) jew skont il-grupp ta' territorji (Stat Membru wieħed).

Appoġġ Bażiku għall-Introjt u għas-Sostenibbiltà (BISS)

- **Sitt** Stati Membri ddeċidew li jitterritorjalizzaw il-BISS (tlieta bi drittijiet għall-pagament u tlieta mingħajr).
- Fil-livell tal-UE, l-allokazzjoni totali tal-BISS tammonta għal ftit aktar minn 50 % tal-pakkett ta' pagamenti diretti, b'allokazzjonijiet li jvarjaw minn 31 % sa 75 %.

Pagament għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira

- **Ħames** Stati Membri jippjanaw li jimplimentaw il-pagament simplifikat għal azjendi agrikoli żgħar b'erba' minnhom japplikaw somma f'daqqa u wieħed pagament għal kull ettaru;
- L-allokkazzjonijiet indikattivi jvarjaw minn 0.4 % sa 9 % tal-pakkett ta' pagamenti diretti.

Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu (CIS)

- L-Istati Membri **kollha** bi Pjanijiet ippreżentati, ħlief wieħed, jippjanaw li jimplimentaw is-CIS;
- **19**-il Stat Membru jippjanaw implimentazzjoni ta' l fuq minn 10 % tal-pagamenti diretti u fil-biċċa l-kbira tagħhom qrib il-limitu massimu, **żewġ** Stati Membri jippjanaw madwar 10 % u **erba'** Stati Membri anqas minn 5 % tal-pakketti ta' pagamenti diretti tagħhom;
- L-appoġġ huwa mmirat lejn il-bhejjem (laħam taċ-ċanga u tal-vitella, laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż, ħalib u prodotti tal-ħalib) b'shem baġitarju ta' madwar 70 % tal-allokkazzjonijiet baġitarji globali tas-CIS fl-Istati Membri;
- Limitazzjonijiet fuq id-densità tal-istokk fis-settur tal-bhejjem huma proposti mill-inqas f'**żewġ** Stati Membri.
- **18**-il Stat Membru jippjanaw CIS għal-legumi/għelejjel li fihom il-proteini.

Ġestjoni tar-riskju

- **14**-il Stat Membru jippjanaw li jużaw għodod għall-ġestjoni tar-riskju u jipproponu total ta' 25 intervent, li minnhom hemm 15-il skema ta' primjums tal-assigurazzjoni, seba' skemi ta' appoġġ għal fondi mutwi, **żewġ** skemi oħra ta' ġestjoni tar-riskju u skema waħda li tkopri primjums tal-assigurazzjoni kif ukoll appoġġ għal fondi mutwi;

- **Seba'** Stati Membri jipproponu appoġġ għall-primjums tal-assigurazzjoni biss, seba' Stati Membri jipproponu taħlita ta' appoġġ għall-primjums tal-assigurazzjoni kif ukoll fondi mutwi jew għodod oħra għall-ġestjoni tar-riskju;
- Stat Membru **wieħed** assenja fondi mill-pakkett ta' pagamenti diretti għall-ġestjoni tar-riskju.

Interventi settorjali f'setturi oħra u l-pożizzjonament tal-bdiewa

- **22** Stat Membru jippjanaw interventi settorjali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, fis-settur tal-apikultura u fis-settur tal-inbid biss;
- **Erba'** Stati Membri ma jippjanawx interventi settorjali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex peress li ma għandhom l-ebda organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta f'dan is-settur;
- Diversi Stati Membri jipproponu wkoll li jimplimentaw interventi settorjali għal setturi "oħrajn" (patata, pjanti ornamentali u tiġieġ tal-bajd, laħam tal-majjal, nagħaġ u laħam tal-mogħoż).
- **Sitt** Stati Membri jipproponu **interventi ta' kooperazzjoni** li għalihom il-kamp ta' applikazzjoni ewlieni huwa l-appoġġ ta' **ktajjen tal-provvista qosra**;

Appoġġ għal żoni b'restrizzjonijiet u żvantaġġi naturali

- **22** Stat Membru jippjanaw pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona, li jirrappreżentaw madwar 17 % tal-pakketti totali tal-FAEŻR tal-Istati Membri;

- 17-il Stat Membru qed jippjanaw pagamenti għar-rekwiżiti ta' Natura 2000 u/jew tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, li jirrappreżentaw madwar 0.8 % tal-pakketti totali tal-FAEŻR tal-Istati Membri.

(II) PAK ambjentalment sostenibbli u aktar ekoloġika

Kondizzjonalità

Standard 2 tal-KAAT (torbieri/artijiet mistagħdra)

- **Tmien** Stati Membri jippjanaw li japplikaw l-istandard fl-2023, filwaqt li **16 jitolbu deroga** (erba' Stati Membri sal-2024 u t-12 li jifdal sal-2025).

Standard 4 tal-KAAT (stabiliment ta' strixxi ta' lqugħ tul il-mogħdijiet tal-ilma)

- **21** Stat Membru jipprevedu wisa' ta' 3 metri u aktar, filwaqt li **żewġ** Stati Membri jippjanaw wisa' ta' 10 metri.

Standard 7 tal-KAAT (newba tal-għelejjel)

- **11-il** Stat Membru ma jipprevedux derogi mir-rekwiżit tan-newba tal-għelejjel;
- **Tmien** Stati Membri jipproponu li japplikaw id-deroga tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel fit-territorju kollu tagħhom;
- **Sitt** Stati Membri jipproponu taħlita tat-tnejn jew alternattivi.

Standard 8 tal-KAAT (żoni u karatteristiċi mhux produttivi)

- **24** Stat Membru qed joffru lill-bdiewa l-**għażla “bażika”** (4 % tar-raba' li jinħadem), **13** qed joffru l-għażla ta' **“żieda fl-ekoskema”** u **15** qed joffru l-għażla li jinkludu **għelejjel tat-titwiq jew għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu**;
- **10** Stati Membri jipprevedu t-tliet għażliet kollha.

Ekoskemi

- **Seba'** Stati Membri jippjanaw allokkazzjoni tal-baġit tal-ekoskema ogħla mir-reqwizit minimu ta' 25 %¹;
- **Tmien** Stati Membri jipproponu li jintuża l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni;
- Meħuda flimkien, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ippreżentati jipprevedu **170 ekoskema differenti**. Kważi 50 % huma bbażati fuq pagamenti addizzjonali għall-BISS (l-hekk imsejħa pagamenti ta' inċentiv). Xi Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jipprevedu ekoskemi bbażati biss fuq pagamenti kumpensatorji.
- Ftit Stati Membri jagħżlu ekoskema waħda li tkopri firxa ta' prattiki filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri jipproponu diversi ekoskemi. **Sitt** Stati Membri jipprevedu ekoskemi li jkopru l-azjenda agrikola kollha (it-tipi kollha ta' żona agrikola);
- Il-prattiki proposti jinkludu fost l-oħrajn il-konservazzjoni tal-ħamrija, il-preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ u żoni mhux produttivi, is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, il-ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara (IPM) u l-ġestjoni tal-pestiċidi, l-estensifikazzjoni u l-manutenzjoni tal-mergħat permanenti, il-bijodiversità, it-trattament xieraq tal-annimali, u l-ġestjoni tan-nutrijenti.

Interventi ekoloġiċi fil-FAEŻR

- Ir-reqwizit minimu ta' delimitazzjoni² għall-ambjent u l-klima huwa ppjanat fil-pjanijiet kollha ppreżentati hlied wieħed, b'10 Stati Membri jippjanaw madwar 50 % tal-allokkazzjoni tal-FAEŻR għal interventi ekoloġiċi u Stat Membru wieħed jippjana sehem ta' 81 %;
- Huma ppjanati total ta' **260** impenn għall-ġestjoni agroambjentali u klimatika, inkluż appoġġ għall-biedja organika u r-riżorsi ġenetiċi, b'varjetà għolja ta' prattiki appoġġati.

¹ Mill-inqas 25 % tal-Anness IX tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK

² Mill-inqas 35 % tal-Anness XI tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK

Enfasi fuq il-bijodiversità

- Minn dawk l-Istati Membri li stabbilew mira għall-**preservazzjoni tal-habitats u tal-ispeċijiet** (R31), **11** stabbilew mira li jkopru 0 % – 20 % tal-erja agrikola utilizzata (EAU), **seba'** stabbilew mira ta' **21 %-40 %**, u **sitta** stabbilew mira ta' **41 %** jew aktar;
- Minn dawk l-Istati Membri li stabbilew mira għall-**preservazzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ** (R34), **16** stabbilew mira ta' **0 %-10 %** tal-EAU, **tnejn** stabbilew mira ta' **11 %-40 %**, u **tnejn** stabbilew mira ta' **41 %** jew aktar;
- L-Istati Membri s'issa pproponew ekoskema waħda jew aktar li jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin li għejjin **relatati mal-bijodiversità**: “bijodiversità” (6 Stati Membri), karatteristiċi tal-pajsaġġ/żoni mhux produttivi (19), ġestjoni tal-pestiċidi/organiżmi ta' ħsara (9), ġestjoni tan-nutrijenti (12), biedjaestensiva fuq bwar permanenti (10), biedja organika (11);
- **11** ipproponew **pagamenti taħt Natura 2000 fuq art agrikola**. L-Istati Membri pproponew għadd kbir ta' **impenji ta' ġestjoni** u interventi oħra rilevanti għall-bijodiversità (l-analiżi għadha għaddejja);
- L-impenji għall-ġestjoni agroambjentali ppjanati għall-bijodiversità jinkludu dawk li jindirizzaw il-pestiċidi/jappoġġaw il-Ġestjoni Integrata tal-Organiżmi ta' Ħsara, il-preservazzjoni u r-restawr tal-mergħat u l-ekosistemi tal-biedja ta' valur naturali għoli, l-ispeċijiet fil-mira u l-azzjonijiet ta' restawr tal-habitats. Hemm grad għoli ta' varjabbiltà fir-rabtiet mal-Qafas ta' azzjoni prijoritizzata għall-Ħabitats u l-Għasafar.

Enfasi fuq il-klima

- Minn dawk l-Istati Membri li stabbilew il-mira għall-ħżin tal-karbonju fil-ħamrija u l-bijomassa (R14), il-valuri fil-mira jvarjaw minn 8 % sa 80 %, bi ftit Stati Membri biss jimmiraw li jkopru 10 % tal-erja agrikola utilizzata (EAU);
- **Tmien** Stati Membri jistabbilixxu miri, li jvarjaw minn 1 % sa 60 % tal-EAU fir-rigward tal-unitajiet ta' bhejjem b'impenji għat-tnaqqis tal-ammonijaka jew tal-gassijiet serra (R13)
- Kważi l-Pjanijiet kollha ppreżentati (24) jistabbilixxu miri li jvarjaw minn 0.8 % sa 86 % tal-EAU fir-rigward tal-protezzjoni tal-ħamrija (R19);
- **18**-il Stat Membru jistabbilixxu miri fir-rigward tal-adattament, biex ikopru minn 0.02 % sa 66 % tal-EAU fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima (R12);
- **Seba'** Stati Membri jistabbilixxu r-riżultat immirat tagħhom fir-rigward tal-użu tal-ilma u l-bilanċ tal-ilma u dawn varjaw minn 0.7 % sa 10 % tal-EAU (R23);
- **11**-il Stat Membru ppjanaw li jiksbu l-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli fil-medda ta' 1 sa 780 MW, li mhux neċessarjament tiddependi fuq id-daqs tal-Istati Membri;
- L-Istati Membri mistħarrġa s'issa pproponew ekoskema waħda jew aktar li jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin relatati mal-klima: "Approċċi għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola" (9), ġestjoni tan-nutrijenti (12), biedja estensiva fuq bwar permanenti (11), manutenzjoni ta' bwar permanenti (12), prattiki ta' konservazzjoni tal-ħamrija (kważi kollha) u biedja organika (12);

- L-Istati Membri pproponew għadd kbir ta' impenji ta' ġestjoni u interventi oħra rilevanti għall-klima (l-analiżi għadha għaddejja).

Appoġġ għall-biedja organika

- Kważi l-Istati Membri kollha jesprimu ambizzjoni ta' ċertu tkabbir għall-biedja organika, kemm f'termini ta' żieda fl-erja maħduma b'mod organiku kif ukoll f'termini ta' żona appoġġata mill-PAK;
- **24** Stat Membru jistabbilixxu l-mira mistennija tagħhom li jżidu ż-żona organika bl-appoġġ tal-PAK. 15-il Pjan għandhom l-għan li jappoġġaw aktar minn 10 % taż-żona organika, b'erba' minn dawn jimmiraw għal aktar minn 20 %;
- L-appoġġ huwa ppjanat li jingħata jew taħt l-ekoskemi (11-il Stat Membru) jew taħt impenji agroambjentali, bi f'tit Stati Membri jippjanaw l-appoġġ taħt iż-żewġ strumenti, prinċipalment differenzjati għall-konverżjoni għall-biedja organika u ż-żamma tagħha.

Appoġġ għall-ġestjoni multifunzjonali u sostenibbli tal-foresti

- Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (ħlief ħamsa) jipprevedu appoġġ għall-forestrija, inkluż żieda tal-foresti jew imsaġar (agroforestrija), appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli ta' żoni forestali eżistenti u l-investimenti rilevanti;
- Madwar nofs l-Istati Membri jistabbilixxu l-mira tagħhom għall-appoġġ ta' art afforestata, inkluż l-agroforestrija (R17) li tvarja minn madwar 250 ettaru sa 3.5 miljun ettaru;

- Xi pajjiżi ddefnew il-miri tagħhom għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti (R30), b'valuri li jvarjaw minn 0.2 % sa 3 %.

(III) PAK soċjalment sostenibbli għal żoni rurali vibranti

Tiġdid ġenerazzjonali u appoġġ lill-bdiewa żgħażaġh

- **20** Stat Membru jippjanaw li jiddelimitaw l-appropriazzjonijiet taħt iż-żewġ Pilastri biex jilhqqu l-ammont minimu li għandu jiġi riżervat għall-bdiewa żgħażaġh, filwaqt li **tliet** Stati Membri ddelimitaw esklużivament l-interventi taħt il-Pilastru I, u **żewġ** Stati Membri esklużivament taħt il-Pilastru II;
- L-appoġġ komplementari għall-introjt għall-bdiewa żgħażaġh (CISYF) huwa ppjanat minn **24** Stat Membru, l-għajjuna għall-installazzjoni hija ppjanata minn **24** Stat Membru;
- L-għajjuna għall-investiment b'rata oġhla għall-bdiewa żgħażaġh hija ppjanata minn **19**-il Stat Membru;
- Il-kooperazzjoni għat-tiġdid ġenerazzjonali hija ppjanata minn **sitt** Stati Membri.

LEADER

- **15**-il Stat Membru jippjanaw ishma oġhla mir-rekwiżit minimu ta' 5 % tal-pakkett tal-FAEŻR, b'xi Stati Membri jaqbżu l-10 %;
- **Żewġ** Stati Membri jallokaw eżattament il-5 % meħtieġa filwaqt li **ħames** Stati Membri jallokaw ftit aktar mill-5 % meħtieġa;
- **Erba'** Stati Membri ma jilħqux il-livell limitu minimu ta' 5 % tal-pakkett aġġustat tal-FAEŻR.

Kondizzjonalità soċjali

- **Żewġ** Stati Membri ser jattivaw il-**kondizzjonalità soċjali** diġà fl-**2023** u **żewġ** Stati Membri ser jattivawha fl-**2024**;
- L-Istati Membri **l-oħra kollha** ser japplikaw il-kondizzjonalità soċjali mill-2025.

It-trattament xieraq tal-annimali u r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR)

- Il-maġġoranza tal-Istati Membri ma jipplanawx interventi speċifiċi mmirati lejn it-tnaqqis tal-antimikrobiċi. It-tnaqqis huwa mistenni li jinkiseb permezz ta' azzjonijiet dwar it-trattament xieraq tal-annimali jew il-biedja organika, jew permezz ta' sforzi barra l-PAK;
- **Tmien** Stati Membri inkludew l-indikatur tar-riżultati tal-AMR rilevanti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom filwaqt li **ħames** Stat Membru ma stabbilew l-ebda mira tal-indikatur tar-riżultati għat-trattament xieraq tal-annimali;
- **11**-il Stat Membru ppjanaw interventi għat-trattament xieraq tal-annimali skont l-ekoskemi;
- **18**-il Stat Membru inkorporaw titjib għat-trattament xieraq tal-annimali taħt investimenti fl-azjendi agrikoli;
- **21** Stat Membru jipplanaw interventi għat-trattament xieraq tal-annimali skont l-impenji agroambjentali.

Ugwaljanza bejn il-ġeneri

- **Ħames** Stati Membri jipproponu miżuri li jappoġġaw lin-nisa rurali bi tnejn minnhom jindirizzaw b'mod partikolari l-oġettiv li tittejjeb il-parteciġazzjoni tan-nisa fil-biedja.

Żoni rurali, appoġġ għal servizzi bażiċi u attivitajiet mhux agrikoli

- **11**-il Stat Membru ppjanaw interventi għaż-żoni rurali barra mil-LEADER.

- **14-il Stat Membru** jipplanaw li jappoġġaw il-ħolqien ta' impjiegi, b'**sitt** Stati Membri jimmiraw li joħlqu aktar minn 1000 impjieg ġdid. Għal **10** l-informazzjoni għadha nieqsa. **17-il Stat Membru** jipplanaw li jappoġġaw il-ħolqien ta' bejn 250 u 2000 **negozju ġdid**;
- **17-il Stat Membru** pplanaw interventi għall-**infrastruttura u għas-servizzi bażiċi** filwaqt li **għaxar** Stati Membri pplanaw interventi taħt l-iżvilupp rurali għal **attivitajiet mhux agrikoli**;
- B'mod ġenerali, l-Istati Membri **jiffinanzjaw il-broadband** b'fondi barra l-PAK b'madwar **10** Pjanijiet li jipprevedu xi appoġġ għal azzjonijiet relatati mal-konnettività.

Skambju tal-għarfien u innovazzjoni

- **24** Stat Membru jipplanaw interventi taħt l-iskambju tal-għarfien u t-tixrid tal-informazzjoni;
- Madwar 2 % tal-baġit tal-FAEŻR globalment huwa ddedikat fil-pjanijiet proposti għall-iskambju tal-għarfien u t-tixrid tal-informazzjoni;
- **22** Stat Membru jipplanaw b'kollox il-ħolqien ta' aktar minn 6 100 Grupp operazzjonali għall-perijodu li jmiss.

(IV) Valuri nazzjonali għall-miri tal-Patt Ekoloġiku

- *24 Stat Membru pprovdew deskrizzjoni dwar il-kontribut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK propost tagħhom għal xi wħud mill-miri tal-Patt Ekoloġiku jew il-miri kollha tiegħu. Żewġ Stati Membri ma pprovdewx tali informazzjoni;*
- *24 Stat Membru pprovdew valur nazzjonali kwantitattiv **wieħed** jew **aktar** għall-indikatur tal-mira tal-impatt tal-Patt Ekoloġiku fil-parti jew fl-anness rilevanti tal-Pjan;*
- *19-il Stat Membru pprovdew valur jew mira nazzjonali għal żona organika;*

- *Erba' Stati Membri pprovded valur nazzjonali għall-użu tal-antibijotiċi;*
- *Tliet Stati Membri pprovded valur nazzjonali għal karatteristiċi tal-pajsaġġ b' diversità kbira;*
- *Ħames Stati Membri pprovded valur nazzjonali rilevanti għat-tnaqqis tal-użu u r-riskju tal-pestiċidi;*
- *Sitt Stati Membri pprovded valur nazzjonali għat-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti jew għat-tnaqqis tal-fertilizzanti;*
- *Sitt Stati Membri pprovded valur jew mira nazzjonali għal broadband veloċi f'żoni rurali.*

(V) Għażliet finanzjarji

- **10** Stati Membri pproponew li jużaw il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà biex **jitransferixxu fondi mill-pilastru I għall-pilastru II³** bi trasferimenti li jvarjaw minn 1 sa 20 %;
- **Seba'** Stati Membri pproponew li **jitransferixxu fondi mill-pilastru II għall-pilastru I** bi trasferimenti li jvarjaw minn 1 sa kważi 30 %;
- Wara l-aġġustamenti proposti, **madwar 4.7 %** tal-pakkett inizjali tal-FAEŻR huwa soġġett għal **trasferiment għall-FAEG**, filwaqt li madwar **4.4 %** tal-pakkett inizjali tal-FAEG huwa soġġett għal **trasferiment għall-FAEŻR**;
- Ir-rati ta' kontribuzzjoni magħżula mill-Istati Membri jvarjaw ħafna u jibdedw mir-rata minima ta' 20 % tal-finanzjament tal-UE (jiġifieri 80 % tal-finanzjament nazzjonali) għar-rata massima permessa;

³ Inkluż trasferimenti mis-sena kalendarja 2022 għas-sena finanzjarja 2023 u trasferimenti possibbli tal-prodott stmat tat-tnaqqis riżultanti mil-limitu massimu.

- Ir-rata ta' kontribuzzjoni l-aktar baxxa magħżula għall-erba' kategoriji ta' reġjuni kif speċifikat fir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku hija ta' 20 % fi Stat Membru **wieħed**, u l-ogħla hija ta' 85 % fi tmien Stati Membri;
- Ir-rata ta' kontribuzzjoni l-aktar baxxa magħżula għall-pagamenti għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona hija ta' 20 % fi Stat Membru **wieħed** u l-ogħla 65 % fi 11-il Stat Membru;
- Xi Stati Membri ma jippjanawx li jużaw l-opportunità biex jistabbilixxu rata speċifika ogħla għall-pagamenti ambjentali. L-aktar waħda baxxa magħżula kienet ta' 25 % fi Stat Membru **wieħed** u l-ogħla ta' 80 % fi 12-il Stat Membru, il-bqija stabbilew rati speċifiċi.
